**Dispożittiv**

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Settembru 2021 – European Lotto and Betting vs EUIPO – Tipp24 Services (Cash4Life)**

**(Kawża T-554/21)**

(2021/C 502/48)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* European Lotto and Betting Ltd (Ocean Village, Ġibiltà) (rappreżentant: D. Egan, Solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Tipp24 Services Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrent quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Cash4Life – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 15 065 964

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Lulju 2021 fil-Każ R 264/2020-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u Tipp24 għall-ispejjeż tagħhom u dawk ta' European Lotto and Betting Ltd.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2021 – WG vs EUIPO**

**(Kawża T-567/21)**

(2021/C 502/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* WG (rappreżentant: P. Schimanek, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)